**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF ONOR. MARK SIMIANA, LL.D**

*Rikors Maħluf Numru 1113/2022 MS*

**Is-soċjetà AME Health and Safety Services Limited**

**Vs.**

**(1) Aldo Busuttil f'ismu propju u għan-nom tas-soċjetà ame Environment Health and Safety Services Limited**

**(2) Charlot Caruana**

**(3) Rosabelle Cutajar Fiorini**

**(4) Joshua Spiteri**

**(5) Kurt Attard**

**(6) Joe Camilleri**

Illum, 26 ta' Frar, 2024

Kawża Numru: 3

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ġuramentat preżentat mill-attriċi fil-21 ta' Novembru, 2022, li permezz tiegħu, wara li ppremettiet kif ġej:

> Illi l-esponenti huwa azzjonist u Direttur tas-soċjetà attriċi "*AME Health and Safety Services Limited*" liema soċjetà

ġiet imwaqqfa fl-2008 primarjament sabiex tforni servizzi professjonali ta' taħriġ, konsulenza u għoti ta' pariri fil-qasam tas-saħħa u sigurta' u f'oqsma relatati, u servizzi anċilleri oħra.

Illi l-konvenut Aldo Busuttil huwa azzjonist u sal-4 t'Ottubru tal-2022, kien direttur tas-soċjetà attriċi, f'liema data, hu rriżenja minn direttur u mill-karigi uffiċjali oħra tas-soċjetà attriċi u baqa' biss azzjonist tal-istess soċjetà.

Illi s-soċjetà konvenuta *"ame Environment Health and Safety Services Limited*", bin-numru ta' reġistrazzjoni C103282, ġiet imwaqqfa fis-27 ta' Settembru 2022 mill-konvenut Aldo Busuttil, meta dan kien għadu direttur tas-soċjetà attriċi u dana sabiex tforni konsulenza u servizzi professjonali fil-qasam tal-ambjent, saħħa u sigurta u servizzi anċillari oħra.

Illi l-konvenuti l-oħra u ċioè Charlot Caruana, Rosabelle Cutajar Fiorini, Joshua Spiteri, Kurt Attard, u Joe Camilleri, kienu kollha impjegati jew ingaġġjati bħala *service providers* mas-soċjetà esponenti. Iżda dawn irriżenjaw ikoll f'daqqa, mingħajr pre-avviż u b'mod ko-ordinat u wara ġew immedjatament ngaġġjati mas-soċjetà konvenuta "ame Environment Health and Safety Services Limited."

Illi fil-ġranet, ġimgħat u xhur qabel ma rriżenja minn Direttur tas-soċjetà esponenti, l-konvenut Aldo Busuttil b'*mala fede* fassal strataġemma sabiex japproprja ruħu min-negozju tas-soċjetà attriċi mingħajr ma jkollu għalfejn jikkumpensa lill-azzjonista minoritarju l-ieħor, Mario Camilleri. Illi l-konvenut Aldo Busuttil għamel diversi xhur joħloq problemi u jiżra d-diżgwid fit-tmexxija tas-soċjetà esponenti, jikkonfoffa ma' mpjegati u s-*service providers* tagħha kif ukoll mal-klijenti tas-soċjetà esponenti. Illi wara li għamel dan kollu, b'eżempju klassiku ta' konkorrenza żleali u ksur enfatiku tal-obbligazzjoni ta' lealtà li l-intimat kellu lejn is-soċjetà rikorrenti bħala d-Direttur tagħha skond l-Artikolu 136A(1) u (3)(b)(c) tal-Kap 386, fis-27 ta' Settembru 2022 l-konvenut Aldo Busutil inkorpora soċjetà b'responsabilita limitata - hawn konvenuta - b'isem kważi identiku għal dak tas-soċjetà esponenti u ċioè "ame Environment Health and Safety Services Limited" (numru ta' reġistrazzjoni C103282) u beda jgħaddilha l-kuntatti, xogħol, *goodwill* u propjeta' oħra, tanġibbli u intanġibbli tas-soċjetà rikorrenti. Illi l-istess Aldo Busuttil beda jxerred qlajjiet foloz illi s-soċjetà esponenti kienet tpoġġiet f'likwidazzjoni forzata u issa n-negozju tagħha ser jitkompla minnu jew min minnu. Huwa evidenti illi l-konvenut Aldo Busuttil għażel dolożament isem kważi

identiku għal dak tas-soċjetà attriċi bħala isem għas-soċjetà mwaqqfa minnu sabiex joħloq konfużjoni fis-suq, jiżgwida lill-klijenti tas-soċjetà attriċi u jiddirotta in-negozju tagħha lejn il-kumpanija ġdida tiegħu, is-soċjetà konvenuta "ame Environment Health and Safety Services Limited".

Illi l-aġir doluż tal-konvenut Aldo Busuttil kompla wara li rriżenja minn direttur tas-soċjetà esponenti u waqqaf s-soċjetà "ame Environment Health and Safety Services Limited" (numru ta' reġistrazzjoni C103282) kif ser jintwera fil-kors ta' din il-kawża u dana anke billi hu jew min minnu baqa' juża uniformijiet u oġġetti oħra tas-soċjetà esponenti bħalma huma "tablets", karrozzi mikrija minnha eċċ, il-logo tagħha, il-kodiċi tal-lantijiet tax-xogħol illi kienu jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħha, jżuru u jispezjonaw il-lantijiet tax-xogħol illi jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħha u jisirqu klijenti tagħha u dana in vjolazzjoni tad-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti tal-31 ta' Ottubru 2022.

Illi s-soċjetà konvenuta ame Environment Health and Safety Services Limited agixxiet ukoll bi ksur tal-liġi u b'*mala fede* peress illi din approprjat ruħha bil-kuntatti, xogħol, *goodwill, service providers,* u propjeta' oħra, tanġibbli u intanġibbli tas-soċjetà attriċi u arrikkiet ruħha minnhom indebitament u dana bi ħsara tas-soċjetà attriċi. Din għadha sal-lum tħaddem in-negozju tagħha permezz ta' dawn l-assi meħuda indebitament mis-soċjetà attriċi u anke dana in vjolazzjoni tad-digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti tal-31 ta' Ottubru 2022.

Illi fil-ġranet, ġimgħat u xhur qabel il-konvenuti Charlot Caruana, Rosabelle Cutajar Fiorini, Joshua Spiteri, Kurt Attard, u Joe Camilleri ma rriżenjaw mill-karigi rispettivi tagħhom, dawn wkoll b'*mala fede* u bi ksur tal-kuntratt ta' ngaġġ tagħhom għamlu diversi xhur jikkonfoffaw mal-konvenut Aldo Busuttil sabiex igħinuħ iwettaq l-istrateġemma ta' konkorrenza żleali tiegħu. Barra minn hekk, wara r-riżenja tagħhom, l-imsemmija konvenuti ma rritornawx l-karozzi, apparat elettroniku kif ukoll uniformijiet tas-soċjetà esponenti li kellhom fdati f'idejhom lill-istess tas-soċjetà esponenti.  Barra minn hekk, l-imsemmija konvenuti għamlu żmien jaċċedu għas-sistema ta' informatika tas-soċjetà esponenti, baqgħu jużaw l-uniformijiet tagħha u oġġetti oħra tagħha bħalma huma *"tablets"*, karrozzi mikrija minnha eċċ, jużaw il-*logo* tagħha, jużaw il-kodiċi tal-lantijiet tax-xogħol illi jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħha, jżuru u jispezjonaw il-lantijiet tax-xogħol illi jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħha, bil-ħsieb illi jiddirottaw il-klijenti u x-xogħol tas-soċjetà attriċi u

jgħadduhom lis-soċjetà konvenuta "ame Environment Health and Safety Services Limited." Illi l-imsemmija konvenuti qegħdin illum iwettqu ma' l-istess soċjetà konvenuta l-istess dmijirijet illi kienu jwettqu mas-soċjetà attriċi u dana bi ksur tal-kuntratt ta' inġagg tagħhom. Illi dawn saħansitra ukoll ħolqu u mexxew il-qlajja falza li s-soċjetà attriċi tpoġġiet f'likwidazzjoni forzata u issa n-negozju tagħha ser jitkompla mill-konvenut Aldo Busuttil jew mis-soċjetà konvenutta.

Illi kif ser jiġi ppruvat fil-mori tal-kawża, dan l-aġir da' parte tal-konvenuti kkaġuna danni kbar lill-esponenti, liema danni jeċċedu bil-kbir il-limiti minimi tal-kompetenza ta' din l-Onorabbli Qorti u jikkonsistu kemm f'danni emergenti u kif ukoll f'lukri ċessanti

kompliet biex talbet lil din il-qorti jogħġobha:

1. Tiddikjara li l-konvenut Aldo Busuttil kemm meta kien Direttur tas-soċjetà attriċi "*AME Health and Safety Services Limited*" kif ukoll wara li waqqaf is-soċjetà konvenuta *"ame Environment Health and Safety Services Limited."* aġixxa dolożament u b'*mala fede*;

2. Tiddikjara li l-konvenut Aldo Busuttil huwa responsabbli għad-danni kkaġunati minnu fir-rigward tas-soċjetà esponenti;

3. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta *"ame Environment Health and Safety Services Limited"* arrikkiet ruħha indebitament mill-beni u l-avvjament tas-soċjetà attriċi għad-dannu tal-istess soċjetà attriċi;

4. Tiddikjara li s-soċjetà konvenuta *"ame Environment Health and Safety Services Limited"* hija responsabbli lejn is-soċjetà attriċi għall-kumpens dovut għal tali arrikkiment indebitu;

5. Tiddikjara li l-konvenuti Charlot Caruana, Rosabelle Cutajar Fiorini, Joshua Spiteri, Kurt Attard u Joe Camilleri waqt li kienu mpjegati jew ingaġġati mas-soċjetà attriċi bħala *Service Providers* aġixxew b'*mala fede* u bi ksur tal-obbligi imposti fuqhom mill-istess kuntratt ta' mpjieg jew ingaġġ li kellhom mal-istess soċjetà attriċi;

6. Tiddikjara li l-konvenuti Charlot Caruana, Rosabelle Cutajar Fiorini, Joshua Spiteri, Kurt Attard, u Joe Camilleri, huma responsabbli lejn is-soċjetà esponenti għad-danni kkaġunati minnhom;

7. Tillikwida l-ammonti dovuti bħala danni u kumpens dovut mill-konvenuti, occorrendo bil-ħatra ta' periti nominandi; u

8. Tordna li l-konvenuti jħallsu lis-soċjetà attriċi d-danni u l-kumpens hekk likwidati.

   Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-Mandat t'Inibizzjoni bin-numru 1405/2022 TA akkordat fil-31 t'Ottubru 2022 a karigu tal-konvenuti.

2. Rat ir-risposta ġuramentatat mressqa mill-konvenuti fis-27 ta' Diċembru, 2022[1], li permezz tagħha huwa esponew l-eċċezzjonijiet tagħhom kif ġej:

1. **Fl-ewwel lok**, **in linea preliminari**, l-intimati jeċċepixxu l-eċċezzjoni tal-***lis alibi pendens*** **a tenur tal-Artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, u dan għaliex diġà teżisti kawża bejn l-istess partijiet fuq l-istess fatti fejn qed jiġi mitlub l-istess rimedju. Il-Kawża bin-numru 98/2022 fl-ismijiet *Aldo Busuttil vs AME Health and Safety Services Limited et*, quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) ġiet ippreżentata nhar it-**30 ta' Settembru 2022** filwaqt il-proċeduri oderjni ġew ippreżentati nhar l**-21 ta' Novembru 2022**.

2. Fil-kawża numru 98/2022, fl-ismijiet *Aldo Busuttil vs AME Health and Safety Services Limited et*, quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), l-attur Aldo Busuttil (intimat fil-proċeduri odjerni) bħala azzjonist tas-soċjeta intimata (attriċi fil-proċeduri odjerni) talab għall-istralċ tal-kumpanija intimata f'dik il-kawża. Is-Soċjeta intimata (attriċi fil-kawża odjerna) fir-risposta tagħha għal proċedimenti bin-numru 98/2022 resqet *inter alia* kontro-talba għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni allegatament mġarrba minnha. Kopja tar-risposta u l-kontro-talba qiegħda tiġi hawn annessa ma' din ir-risposta **(immarkata bħala Dok. 'A').**

3. Minn eżami komparattiv tar-rikors tas-**soċjetà attriċi f'dawn il-proċeduri u mar-risposta u l-kontro-talba tal-istess soċjetà fil-proċeduri 98/2022 fl-ismijiet Aldo Busuttil vs. AME Health and Safety Services Limited et, quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) jeżistu l-elementi kollha tal-lis alibi pendens. Il-partijiet, il-fatti, l-oġġett tal-kawża huma identiċi fiż-żewġ proċeduri. In oltre, il-kontro-talbiet tas-soċjetà AME**

[1] A folio 7.

**Health and Safety Services Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C- 44347 fil-proċeduri 98/2022 fl-ismijiet Aldo Busuttil vs. AME Health and Safety Services Limited et, quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) huma identiċi għat-talbiet li l-istess soċjetà ppreżentat fir-rikors ġuramentat għal-proċeduri odjerni.**

4. Skond l-insenjamenti tal-Professur Caruana Galizia ('Notes on Civil Law'):

*'there cannot be at the same time more than one judicial relation between the same persons on the same merit, because this would imply a plurality of decisions on the same issues' (pġ 1303).*

Element essenzjali għal din l-eċċezzjoni hija l-identità taż-żewġ azzjonijiet:

***" the parties, the subject-matter and the cause of the demand. Such identity does not cease simply because in both suits or in one of them the identical demand is united to other demands"*** *(pġ 1304). (enfasi tal-esponenti)*

5. Il-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet Carmen Zammit vs Paul Portelli et (numru 1084/12/1), deċiża fit-30 ta' Novembru 2022 saħqet li:

'*49. Il-lis alibi pendens hija frażi Latina, li tirreferi għal meta azzjoni fuq l-istess oġġett jew mertu tkun pendenti x'imkien ieħor.* ***Din hija kwistjoni serjissima għaliex jekk ikollok żewġ qrati li qegħdin jisimgħu l-istess tilwima dan jista' jwassal għal deċiżjonijiet li ma jaqblux bejniethom.***
*[...]*
*50.* ***Biex ikun hemm każ ta' lis alibi pendens irid ikollok żewġ kawżi li huma bejn l-istess partijiet, fuq l-istess suġġett u bl-istess talbiet.*** *Jekk jintwera dan, skont l-artikolu 792 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-konsegwenza tkun li l-aħħar kawża li tkun saret tintbagħat quddiem l-Imħallef li jkun qed jisma' l-ewwel kawża sabiex il-mertu taż-żewġ kawżi jinstemgħu fi proċess wieħed (ara Joseph Attard et v. Mario Attard et deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Diċembru, 2018);*' **(enfasi tal-esponenti)**

6. Minkejja li fil-liġi tintuża l-kelma '*tista'* ('*may*' fit-test Ingliż), huwa assodat fid-duttrina u fil-każistika illi huwa mandatorju fuq il-Qorti li tiddikjara l-inkompetenza tagħha minħabba l-eżsitenza ta' *lis alibi pendens*, u filfatt il-Qorti tista' anke tqajjem din l-eċċezzjoni *ex officio* (*Anatoli Reznikov et vs Nikolai A Kotikov pro et noe,* Qorti tal-

Kummerċ 24 ta' Marzu 1994 u 52/2021 *Il-Malta Association of Professional Engineers vs Il-Bord tal-Professjoni tal-Inġinerija*, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili 26 ta' April 2022).

7. **Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari,** mingħajr preġudizzju għas-suespost, fl-eventwalità li, dina l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li ma jissustixxux l-elementi tal-*lis alibi pendens* (ai termini tal-Artikolu 792 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiddikjara konnessjoni bejn iż-żewġ proċeduri (ċioe Rikors Ġuramentat Nru: 1113/2022 RGM fl-ismijiet is-soċjetà AME Health and Safety Services Limited bin-numru ta' reġistrazzjoni C-44347 vs Aldo Busuttil et. U Rikors Nru: 98/2022 ISB fl-ismijiet Aldo Busuttil vs. AME Health and Safety Services Limited et.) u dawn iż-żewġ kawżi jinstemu flimkien ai termini tal-Artikolu 793 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ);

8. **Fit-tielet lok, fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost,** l-allegazzjonijiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, kif ser jiġi stabbilit fil-mori ta' dawn il-proċeduri u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż.

   Bl-ispejjeż kontra s-soċjetà attriċi, u b' riserva li l-esponenti jressaq kull eċċezzjoni ulterjuri illi jista' jkun hekk awtorizzat li jressaq skont il-liġi, u mingħajr preġudizzju għal kull jedd tal-esponenti.

3. Rat l-ordni mogħti minn din il-qorti, kif diversament presjeduta, fl-udjenza tat-18 ta' Jannar, 2023, li permezz tiegħu ġie dirett li qabel xejn jiġu trattati u deċiżi l-eċċezzjonijiet preliminari mmarkati bin-numri wieħed, tlieta u sebgħa rispettivament;

4. Rat l-atti proċesswali fl-intier tagħhom;

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet preżentati mill-kontendenti;

6. Semgħet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti dwar l-eċċezzjonijiet imsemmija;

7. Rat li l-kawża tħalliet għall-udjenza tal-lum sabiex jingħataw il-provvedimenti opportuni;

Ikkunsidrat:

8. Illi din hija kawża li l-attriċi qed tagħmel kontra l-konvenuti għar-riżarċiment ta' danni li hija tgħid li ġarrbet b'konsegwenza ta' aġir doluż u mtebba' b'*mala fede* mill-konvenuti, konsistenti minn azzjonijiet prinċipalment magħmula mill-konvenut Busuttil meta kien għadu direttur tal-attriċi, u meta kien allura mgħobbi b'obbligazzjonijiet fiduċjarji lejn l-istess attriċi. L-attriċi ssostni li Busuttil fassal pjan biex jisirqilha klijenti, xogħol u mpjegati, kif ukoll provdituri ta' servizzi, fosthom il-konvenuti l-oħra, u għadda dan kollu lis-soċjetà konvenuta dolożament u bil-ħsieb li jirreka preġudizzju lilha u lin-negozju tagħha. L-attriċi mbagħad tixli lill-konvenuti l-oħra b'kompliċità mal-konvenut Busuttil, u għalhekk tridhom iwieġbu għat-talbiet tagħha għad-danni wkoll.

9. Illi sabiex jilqgħu għat-talbiet dedotti mill-attriċi fil-konfront tagħhom, il-konvenuti jqanqlu numru ta' eċċezzjonijiet, fosthom dilatorji, u li dwarhom din il-qorti, kif kienet diversament presjeduta, tat direzzjoni li qabel xejn jiġu trattati u deċiżi dawk «*...mmarkati bin-numri wieħed, tlieta u sebgħa rispettivament*».

10. Illi meta wieħed jeżamina sewwa dawn l-eċċezzjonijiet fir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, jsib li effettivament dawn huma żewġ eċċezzjonijiet, u ċjoè l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens*, u sussidjarjament, dik dwar il-konnessjoni tal-kawżi. Kemm hu hekk, l-ewwel paragrafu fir-risposta ġuramentata tal-konvenuti jibda bil-kliem «*Fl-ewwel lok, in linea preliminari...*», filwaqt li l-paragrafu numerat sebgħa fl-istess att ġudizzjarju jibda bil-kliem «*Fit-tieni lok, ukoll in linea preliminari*». Dawk il-paragrafi li jiġu bejn l-ewwel u s-seba' paragrafi appena msemmija huma biss sottomissjonijiet li l-konvenuti jagħmlu in sostenn tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom. Għalhekk huma tnejn l-eċċezzjonijiet li għandhom jiġu trattati u deċiżi f'dan l-istadju.

11. Illi magħmula din il-preċiżazzjoni, imiss issa li qabel ma l-qorti tgħaddi għas-sustanza u għall-meritu tal-eċċezzjonijiet innifishom, tiddetermina l-forma li l-provvedimenti tagħha fir-rigward għandhom jieħdu sabiex id-determinazzjoni tal-istess eċċezzjonijiet tkun ritwali u skont il-liġi tal-proċedura, bil-għan li l-istess deċiżjonijiet ma jkunux difettużi fil-forma u jiġi preservat u tutelat anki kull dritt t'appell li l-kontendenti jista' jkollhom fir-rigward, billi tali dritt t'appell ivarja skont in-natura tal-provvediment innifsu.

12. Illi hija ġurisprudenza kostanti li l-liġi tagħna tirrikonoxxi tliet tipi ta' provvedimenti, u dawn huma dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk li la huma definittivi u lanqas interlokutorji. «*Tradizzjonalment jingħad li hemm tlett xorta ta' digrieti, ċioè dawk definittivi, dawk interlokutorji, u dawk (it-tielet kategorija) li la huma definittivi u lanqas interlokutorji, u li filwaqt li għall-ewwel u għat-tieni kategorija hemm appell kif ikkontemplat fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għat-tielet kategorija ma hemmx dritt ta' appell quddiem il-Qorti ta' l-Appell*» (***Josef Gatt vs. Marisa Gatt***, Appell Superjuri, 8/5/2003). Ara wkoll fl-istess sens ***Paul Tanti pro et noe et vs. Sammy Mifsud et noe*** (Appell Superjuri, 19/11/2001).

13. Illi d-dikrieti definittivi huma dawk li permezz tagħhom tiġi determinata u mitmuma kontroverżja bejn il-partijiet, bħal ma huma s-sentenzi (***Josef Gatt vs. Marisa Gatt***, appena ċitata). Id-dikriet interlokutorju min-naħa l-oħra huwa dak li permezz tiegħu tiġi deċiża xi kwistjoni li tirregola l-andament tal-kawża waqt li din tkun għadha miexja (***Philip O. Gatt proprio et nomine vs. Adrian Busietta proprio et nomine***, Prim'Awla, 9/5/2002). Fid-deċiżjoni ***Giovanni Borg Olivier nomine vs. Emilia Fava*** (Appell Superjuri, 29/7/1918)[2] ġie sewwa spjegat: «*Che sotto la denominazione di "Decreti interlocutori" si sogliono in giurisprudenza designare le ordinanze della Corte preparatiorie ed ordinatorie della lite, ossia i provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa e la procedura, che sogliono chiamarsi "preparatorie" e quelli che regolano o determinano le prove relative al merito sotto giudizio, e che chiamansi "ordinatorie"*». Id-distinzjoni bejn dikrieti definittivi u dikrieti interlokutorji ġiet spjegata wkoll fis-sens li, «*Hemm differenza bejn sentenza definittiva u digriet interlokutorju. Is-sentenza definittiva hija pronunċjament tal-Qorti li "terminat negotium de quo agitur", waqt illi d-digriet interlokutorju "non terminat negotium principale, sed aliam post se expectat sententiam"*» (***Tabib Joseph Grech vs. Mary Grech***, Prim'Awla, 20/4/1989[3]).

14. Il-liġi trid li dan ix-xorta ta' dikriet ma jagħmilx ġudikat għall-Qorti li tkun tagħtu, bil-konsegwenza li skont l-artikolu 230 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili

---

[2] Kollezz. Vol.XXIII.i.623.
[3] Kollezz. Vol.LXXIII.iii.785.

jista' jiġi revokat *contrario imperio* fi kwalunkwe stadju jekk tinġieb raġuni tajba (***Emanuel Abela vs. Perit Arkitett Fred Valentino et***, Appell Superjuri, 4/12/1998[4]). Dan il-prinċipju madanakollu japplika biss fir-rigward tad-dikrieti interlokutorji, b'mod allura li kull xorta ta' dikriet ieħor jorbot lill-Qorti li tkun tagħtu, u jista' biss jiġi mpunjat bil-mezz tal-appell jew permezz ta' kawża (***Linknet Limited et vs. Terranet Limited***, Prim'Awla, 5/3/2001).

15. L-aħħar xorta ta' dikrieti huma dawk li la huma definittivi u lanqas huma interlokutorji. Eżempju ta' dawn id-dikrieti huwa d-dikriet li permezz tiegħu il-qorti tiċħad talba għar-revoka ta' mandat kawtelatorju. Id-distinzjoni proċedurali prinċipali ta' dan it-tielet tip ta' dikriet huwa proprju li minnu ma jistax isir appell, u jista' biss jiġi kontestat permezz ta' kawża istitwita skont il-proċedura ordinarja. Ġie konstantement ritenut fil-ġurisprudenza tal-qrati lokali li d-dikrieti li jingħataw fil-kuntest ta' proċeduri li jirrigwardaw atti kawtelatorji ma jistgħux jitqiesu li huma definittivi, billi ma jirrisolvux il-kwistjoni bejn il-partijiet, anke għaliex din il-kwistjoni tkun għad trid tiġi dedotta f'kawża. Lanqas ma jistgħu jitqiesu interlokutorji, in kwantu ma humiex parti inċidentali mill-ġudizzju li jkun pendenti bejn il-partijiet, iżda jkunu biss limitati għall-atti tal-proċedura kawtelatorja in kwistjoni (***Paul Tanti proprio et nomine et vs. Sammy Mifsud et nomine***, Appell Superjuri, 19/11/2001). Fost id-dikrieti li jaqgħu fit-tielet kategorija ta' dikrieti hemm ukoll, per eżempju, dawk li jingħataw b'rabta ma' atti eżekuttivi, jew proċeduri ta' bejgħ b'irkant. Hemm ġurisprudenza attendibbli fis-sens illi dikrieti mogħtijin fl-atti ta' proċeduri ta' subbasta ma huma qatt appellabbli (***Dottor Giovanni Sammut vs. Giuseppe Mifsud***, Prim'Awla, 25/5/1962[5]), u dan jgħodd anki għal dikrieti li jingħataw b'rabta mal-eżekuzzjoni ta' sentenza (***Carmela Aquilina et vs. Joseph Callus***, Appell Superjuri, 7/8/1962[6]). Fi żminijiet aktar riċenti il-Qorti tal-Appell kellha l-okkażjoni li teżamina n-natura ta' dikriet mogħti b'rabta ma' proċeduri ta' bejgħ bl-irkant ġudizzjarju fil-kawża ***Karen Mangion vs. David Anastasi*** (9/11/2012) fejn ukoll ġiet raġġunta l-konklużjoni li dikriet bħal dak jaqa' taħt din it-tielet kategorija ta' dikrieti u għalhekk mhux appellabbli.

---

[4] Kollezz. Vol.LXXXII.ii.1202.
[5] Kollezz. Vol.XLVI.ii.631.
[6] Kollezz. Vol.XLVI.i.284.

16. Illi esposti l-kategoriji kollha ta' dikrieti jew provvedimenti, jmiss issa li jiġi determinat permezz ta' liema xorta ta' provvediment għandhom jiġu deċiżi l-eċċezzjonijiet trattati s'issa f'din il-kawża.

17. Illi din il-qorti ħasbet fit-tul dwar dan l-aspett tad-deċiżjoni tagħha, u waslet għall-konklużjonijiet li l-provvedimenti li jingħataw mill-qrati fir-rigward tal-eċċezzjonijiet ta' *lis alibi pendens* u dwar il-konnessjoni ta' kawżi huma entrambi interlokutorji min-natura tagħhom, u għalhekk jridu jiġu definiti permezz ta' dikrieti interlokutorji.

18. Illi din il-qorti hija konsapevoli mill-fatt li hija prassi li eċċezzjonijiet li jissollevaw kwistjoni ta' *lis alibi pendens* jiġu determinati b'sentenza, u li minnha jsir appell bil-mod u fiż-żmien li fih il-Kodiċi ta' proċedura jippreskrivi l-appelli minn sentenzi. Fil-kawża ***Joseph Attard et vs. Mario Attard et*** (Appell Superjuri, 14/12/2018) ġie osservat dan li ġej:

> 19. Fil-liġi proċedurali tagħna, id-deċiżjonijiet li jingħataw minn qorti dwar eċċezzjonijiet li jitqajmu mill-part mħarrka huma sentenzi. Dan joħroġ mill-kliem tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Kodiċi[7]. Jgħodd ukoll għall-eċċezzjoni tal-"lis alibi pendens"[8] li hija meqjusa bħala waħda perentorja tal-ġudizzju, u tixxiebah (f'dak li għandu x'jaqsam mal-elementi kostitutivi tagħha) mal-eċċezzjoni tal-ġudikat.

19. Illi din il-qorti però ma tistax tissottoskrivi ruħha għal din il-fehma. Ibda biex din il-qorti ma taqbilx li l-eċċezzjoni ta' *lis alibi pendens* hija perentorja tal-ġudizzju, billi l-akkoljiment tagħha ma jġibx fi tmiemu l-proċediment. Kemm hu hekk, l-artikolu 792 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jippostula bl-aktar mod ċar li, fejn ikun hemm tassew il-*litis pendentia*, għandu jiġi ordnat it-trasferiment tal-kawża, u mhux l-estinzjoni tagħha[9]. Il-provvediment li bih il-kawża tintbagħat quddiem qorti oħra biex tinstema' minnha huwa wieħed minn dawk il- «*provvedimenti riguardanti l'istruzione della causa e la procedura, che sogliono chiamarsi "preparatorie"*», u li huma proprju ta' natura interlokutorja.

[7] Artt. 730 u 732A tal-Kap 12.
[8] Art. 794 tal-Kap 12
[9] Ara ***George Zammit pro et noe vs. Rev. Giuseppe Minuti pro et noe*** (Prim'Awla, 25/4/1959 – Kollezz. Vol.XLIII.ii.702).

20. Din il-qorti tosserva wkoll li l-fatt li kwistjoni titqanqal permezz ta' eċċezzjoni minflok permezz ta' rikors fl-atti tal-kawża ma jbiddilx in-natura tal-provvediment li jrid jingħata fir-rigward. Hekk, per eżempju, huma spissi d-drabi fejn parti konvenuta teċċepixxi l-ħtieġa li jiġi msejjaħ fil-kawża terz. Il-fatt li din il-kwistjoni tiġi sollevata b'eċċezzjoni fir-risposta ġuramentata tal-konvenut ma jfissirx li l-provvediment li bih it-terz jiġi msejjaħ fil-kawża jkun sentenza. Provvediment bħal dak jibqa' dikriet, għaliex hija l-liġi stess li tgħid hekk[10], u fejn il-liġi hija ċara, m'hemm ebda lok għal interpretazzjoni.

21. Fil-każ tal-eċċezzjonijiet imsemmija fl-artikoli 792 u 793 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, l-liġi wkoll hija ċara:

> 229.(1) Appell minn dawn id-digrieti li ġejjin jista' jsir biss wara l-għoti ta' sentenza definittiva u flimkien ma' appell minn dik is-sentenza, u dawn id-digrieti ma jistgħux jiġu kontestati qabel ma tingħata s-sentenza definittiva:
> …
> (h) digriet dwar jekk tintlaqax jew le talba għall-konnessjoni ta' kawża ma' oħra skont l-artikolu 793(1);
> …
> (2) Id-deċizjoni tal-qorti fil-każijiet hawn taħt imsemmija għandha tingħata permezz ta' digriet li jinqara bil-miftuħ fil-qorti f'jum li jiġi debitament notifikat lill-partijiet, u jista' jsir appell minn dak id-digriet qabel is-sentenza definittiva bla ħsara għall-proċedura stabbilita fis-subartikoli (4) u (5):
> …
> (b) digriet dwar it-trasferiment tas-smigħ ta' kawża minn qorti oħra skont l-artikolu 792;

22. Illi la darba l-provvedimenti li jiddeterminaw il-kwistjonijiet regolati mill-artikoli 792 u 793 tal-Kodiċi preċitat huma mil-liġi espressament u bl-aktar mod ċar klassifikati bħala dikrieti interlokutorji, mela allura ebda diverġenza minn dak li trid il-liġi ma hija permissibbli, speċjalment fl-applikazzjoni tal-materja regolata mill-artikolu 229 tal-istess Kodiċi, u ċjoè dik li tirregola d-dritt t'appell.

23. Illi l-fehma ta' din il-qorti hija ulterjorment fortifikata minn qari tal-artikolu 794(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Illum din id-dispożizzjoni tgħid: «*Il-*

---

[10] Ara l-artikoli 229(2)(ċ) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

*qorti għandha tiddeċidi l-eċċezzjoni; u, meta l-eċċezzjoni ma tiġix milqugħa, il-qorti tista' fl-istess ħin tiddeċidi l-meritu tal-kawża*». Meta l-liġijiet tal-proċedura ċivili, oriġinarjament imsejħa *Leggi di Organizzazione e Procedura Civile per l'Isola di Malta e sue Dipendenze* kienu promulgati permezz tal-Ordinanza IV tal-1854, din id-dispożizzjoni, li kienet numerata 806, kienet taqra hekk:

> L'eccezione di pendenza di una altra lite o di connessione può essere allegata in qualunque tempo fino alla sentenza. La Corte **decreterà**[11] sulla domanda; e rigettandola, potrà anche nel tempo stesso pronunziare sul merito della causa.

24. Illi l-uniċi emendi li saru għal din id-dispożizzjoni permezz tal-Att XI tal-1973 u tal-Att XXIV tal-1995 kienu jirrigwardaw it-tielet subinċiż li żdied fis-sena 1973. Huwa evidenti għalhekk li t-test oriġinali fl-ilsien Taljan juri b'mod aktar ċar il-portata ta' din l-eċċezzjoni, b'mod li sfortunatament jidher li ntilef mat-traduzzjoni li saret fl-ilsien Malti.

25. Illi stabbilit allura li deċiżjonijiet dwar jekk tiġix ordnata l-konnessjoni tal-kawżi skont l-artikolu 793 jew inkella jiġix ordnat it-trasferiment tal-kawża skont l-artikolu 792 għandhom jingħataw permezz ta' dikriet interlokutorju, isegwi li ma hemm ebda xkiel li l-istess żewġ materji jiġu talvolta indirizzati fl-istess dikriet. Naturalment, jgħodd dejjem dak li jgħid l-artikolu 229, u ċjoè li dik il-parti ta' dan id-dikriet li jitratta t-talba dwar il-konnessjoni (fl-eventwalità li l-qorti ma jidhrilix li tirriżulta il-*litis pendenza*) m'hijiex appellabbli qabel ma tingħata s-sentenza definittiva dwar il-meritu, filwaqt li dik il-parti fejn tiġi trattata l-kwistjoni mqanqla bl-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti hija appellabbli kif jipprovdi l-artikolu 229(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

26. Illi jmiss issa li tiġi kkonsidrata l-kwistjoni taħt l-artikolu 792 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

Ikkunsidrat:

[11] Enfażi miżjud minn din il-qorti.

27. Illi l-artikolu 792 jipprovdi hekk:

> Meta titressaq kawża quddiem qorti kompetenti, wara li tkun tressqet kawża oħra fuq l-istess oġġett quddiem qorti kompetenti oħra, il-kawża mressqa l-aħħar tista' tiġi mibgħuta lil dik il-qorti l-oħra.

28. Illi kemm id-duttrina legali[12] u kemm il-ġurisprudenza dejjem żammew li sabiex tirriżulta il-*litis pendentia*, għandu jiġi determinat li fiż-żewġ kawżi jkun hemm l-identiċità f'dawk l-elementi li soltu huma meħtieġa sabiex tkun tissussisti l-eċċezzjoni tal-ġudikat, u ċjoè l-identiċità tal-persuni, tal-oġġett u tar-raġuni għat-talba. Kif ritenut mill-Qorti tal-Appell fil-kawża ***Squadron Leader Walter Thomas Jeffrey vs. Neg. Publio Stellini pro et noe*** (12/5/1950)[13]: «*Illi minn dana jiġi illi biex ikun hemm lok għal din l-eċċezzjoni jeħtieġ :- (a) li jkun hemm kawża oħra preċedentement intavolata, li tkun ġà kontestata jew almenu intimata u li għadha mhix terminata, pendenti quddiem l-istess tribunal jew tribunal divers; (b) li bejn iż-żewġ kawżi jkun hemm l-istess rekwiżiti tar-"res judicata"*». Fid-deċiżjoni ***Giuseppe Muscat vs. Dr Stephen Borg Cardona LL.D*** (Prim'Awla, 6/4/1957)[14] kien ritenut li sabiex tista' tirriżulta l-pendenza tal-liti, huwa meħtieġ li ż-żewġ kawżi jkunu entrambi quddiem qrati kompetenti, u għalhekk it-trasferiment tal-kawża msemmi fl-artikolu 792 ma seta' qatt isir jekk waħda mill-kawżi tkun pendenti quddiem Bord, li m'huwiex "qorti".

29. Illi l-konvenuti jgħidu li l-kawża l-oħra hija r-rikonvenzjoni magħmula mill-attriċi fl-atti tal-kawża bin-numru 98/2022 ISB fl-ismijiet "Aldo Busuttil fil-veste ta' azzjonista tas-soċjetà intimata vs. AME Health and Safety Services Limited u Mario Camilleri", pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

30. Illi fir-rigward tal-element ta' *eadem personae*, il-qorti tosserva li r-rikonvenzjoni saret ukoll mill-attriċi, fil-konfront tal-konvenut Aldo Busuttil biss. F'din il-kawża, min-naħa l-oħra, hemm bosta persuni oħra li huma ċitati bħala konvenuti.

---

[12] ***Pigeau,*** La Procedura Civile (1809), Vol.I, paġni 238-241; ***Mattirolo***, Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano (1902), Vol.I, §881.
[13] Kollezz. Vol.XXXIV.i.358.
[14] Kollezz. Vol.XLI.ii.977.

31. Fil-kuntest tal-eċċezzjoni ta' ġudikat, ġie diversi drabi deċiż (ara d-deċiżjonijiet tal-Qorti tal-Appell fil-kawżi ***Crocefissa Sammut et vs. Joseph Spiteri*** tal-10 t'Ottubru 2003 kif ukoll ***Igino Trapani Galea Feriol et vs. Jane mart Jimmy Agius et***, tat-2 ta' Lulju 1996) li dik l-eċċezzjoni ma tkunx imxejjna bl-inseriment fit-tieni kawża ta' persuni li ma kienux fl-ewwel kawża, meta l-inseriment tagħhom ma jkollux rilevanza ġuridika. Ġurisprudenza li ġiet meqjusa applikabbli anki fil-kuntest tal-eċċezzjoni tal-*litispendenza* (ara ***Anthony Aquilina vs. Ir-Repubblika ta' Malta et,*** Qorti Kostituzzjonali, 24/6/2011).

32. Illi din il-qorti tqis li l-element ta' *eadem personae* fil-kuntest tal-eċċezzjoni taħt l-artikolu 792 tassew ma jiġix nieqes bl-inseriment ta' terzi fit-tieni kawża. L-iskop wara l-eċċezzjoni tal-*litis pendentia* huwa wieħed t'ordni pubbliku, u ċjoè li jiġi evitat li fuq l-istess mertu jingħataw deċiżjonijiet kunfliġġenti li jistgħu biss jagħtu lok għal ritrattazzjonijiet jew inkella diżordni li huwa proprju l-iskop tal-proċediment ġudizzjarju li jiġi evitat. Fejn allura jkun hemm kawża dwar l-istess mertu quddiem qorti oħra, anki jekk fiha inqas konvenuti, huwa xorta doveruż li t-tieni kawża tiġi trasferita mal-ewwel kawża, altrimenti l-possibilità ta' deċiżjonijiet kunfliġġenti tibqa' tissussisti.

33. Għalhekk dan l-ewwel element jirriżulta sodisfatt.

34. Illi dwar l-element ta' *eadem res*, jingħad li dan l-element jirrigwarda dak li qed jintalab, u mhux neċessarjament dak li jifforma l-mertu tal-azzjoni. Jinsab mgħallem li, «*... è pacificamente ammesso non essere necessario, perchè compete l'eccezione rei judicatae, chè si tratti di un'identicità assoluta e materiale della cosa domandata, ma bastera l'identità giuridica'*»[15]. L-istess awtur jissokta, abbażi tal-insenjament ta' Marcadé, li sabiex jiġi determinat jekk l-oġġett li jkun qed jintalab fit-tieni kawża jkunx diġa ntalab fl-ewwel kawża: «*... conviene porre a confronto il principio, affermato con la decizione anteriore, e la domanda, che si vorrebbe far valere nel secondo giudizio : se questa domanda non è contradetta, non è esclusa, e perciò può coesistere col principio contenuto nella disposizione della sentenza, si conchiuderà che non v'è ostacolo di cosa giudicata: se invece la contradizione esiste, se la coesistenza della*

[15] ***Mattirolo***, Manuale di Diritto Giudiziario Italiano, Vol.V, §37.

*domanda col dispositivo appare impossibile, si dovrà ritenere che v'ha identità di oggetto fra il punto già deciso e la nuova domanda...*»[16]. Prinċipji dawn imħaddna anke mill-qrati lokali (ara f'dan is-sens ***Avv Joseph M Sammut vs. Tat-Taljan Co.Ltd***[17]).

35. Illi dwar l-element tal-identiċita' tar-raġuni għat-talba – *eadem causa petendi* – huwa opportun li jingħad li dan l-element huwa distint minn dak tal-oġġett mitlub. L-awtur ġjà ċitat ***Mattirolo*** jispjega kif ġej din id-distinzjoni: «*Adunque la* causa *va distinta : (a) Dall'*oggetto della domanda*, perchè altro è la* cosa *che si domanda, altro è il* motivo *sul quale si appoggia la domanda: (b) Dai* mezzi di prova *del fatto giuridico (ossia della causa), a quel modo che la* cosa *si distingue dalla* prova *della cosa stessa; (c) Dallo* scopo*, che si propone l'attore nel formolare la sua domanda – Questo scopo può ben variare; ma se la* causa petendi*, che sta a fondamento della domanda attuale, è quella medesima, che gia si fece valere in primo giudizio, se identico è l'oggetto, se identiche sono le persone ed agenti nelle stesse qualità, l'*exceptio rei judicatae *si opporra all'accoglimento della nuova domanda: (d) Dall'*azione *che si fa valere in giudizo – Da una medesima* causa *si possono invero derivare due azioni*»[18]. ***Laurent*** ifisser id-distinzjoni bejn l-oġġett u l-kawżali billi jagħti dan l-eżempju, «*Io rivendico un fondo che mi appartiene per virtù di vendita. Quale è il diritto che reclamo? Il diritto di proprietà sul fondo che pretendo avere acquistato: la rivendicazione di questo diritto forma anche oggetto della mia dimanda: ed in questo senso il diritto è l'oggetto della contesa si confondono. Quale è la causa della mia dimanda? Il fatto giuridico che è il fondamento del diritto di proprietà che io domando, cioè la vendita*»[19]. Għalhekk il-*causa petendi* huwa propju l-fatt ġuridiku li abbażi tiegħu ikun qed jippromwovi l-azzjoni l-attur: «*... la causa è il fatto giuridico che stabilisce il fondamento del diritto*»[20] (ara **Giuseppe Bugeja Bonnici vs. Dottor Andrea Pullicino ne u ieħor** (Prim'Awla, 21/5/1935)[21]).

36. Illi fir-rikonvenzjoni dedotta mill-attriċi fil-kawża bin-numru 98/2022 ISB, hija ressqet is-segwenti talbiet:

---

[16] ***Mattirolo,*** loc cit, §41.
[17] Prim'Awla, 8/1/2002.
[18] Op cit, Vol.V, §44.
[19] Principii di Diritto Civile, Vol.XX, §64.
[20] ***Laurent***, Principii, Vol.XX, §63.
[21] Kollezz. Vol.XXIX.ii.510.

1. Tillikwida d-danni subiti mis-soċjetà rikonvenzjonanti bħala riżultat tal-azzjonijiet preġudizzjevoli tar-rikorrent rikonvenzjonat;
2. Tillikwida l-ammonti dovuti lis-soċjetà rikonvenzjonanti mir-rikorrent rikonvenzjonat għas-self li ħa mis-soċjetà rikonvenzjonanti u li għadu ma raddx lura kif ukoll għall-ammonti li ħa mingħand is-soċjetà rikonvenzjonanti bħala salarju in eċċess ta' dak li kien lilu leġittimament jispetta u
3. Tordna lir-rikorrent rikonvenzjonat illi jħallas lis-soċjetà rikonvenzjonanti l-ammonti hekk likwidati.

37. Illi filwaqt li m'hemmx dubju li t-tieni talba dedotta fir-rikonvenzjoni msemmija ma tiċċentra xejn mal-mertu tal-kawża li qiegħda quddiem din il-qorti, l-ewwel talba tista' però tirrientra fil-parametri tal-kawża odjerna, billi anki f'din it-talba qed jintalab il-ħlas ta' ħsara mġarrba b'konsegwenza ta' "azzjonijiet preġudizzjevoli". Wieħed irid għalhekk jeżamina xi trid tfisser l-attriċi b'azzjonijiet preġudizzjevoli fir-rikonvenzjoni tagħha.

38. Illi fil-paragrafi numerati erbgħa u ħamsa tar-rikonvenzjoni, l-attriċi tgħid hekk:

…

4. Illi l-istess rikorrent rikonvenzjonat wera negliġenza waqt il-qadi ta' dmiru bħala direttur u impjegat tas-soċjetà rikonvenzjonanti kif intwera fil-paragrafu 7 tar-risposta preżentata kontestwalment u bħala riżultat, l-istess soċjetà rikonvenzjonanti tilfet appalti mportanti u soffriet danni kbar.
5. Illi l-istess rikorrent rikonvenzjonat aġixxa b'mod żleali kif ukoll kontra l-interessi tas-soċjetà rikonvenzjonanti meta kien direttur tal-istess soċjetà rikonvenzjonanti kif intwera fil-paragrafi 3 u 4 tar-risposta preżentata kontestwalment.

…

39. Illi meta mbagħad wieħed jaqra l-paragrafi relattivi mir-risposta tal-attriċi fil-kawża bin-numru 98/2022 ISB, jinduna li l-*causa petendi* tar-rikonvenzjoni, ossia l-fatt ġuridiku li abbażi tiegħu saret l-ewwel talba rikonvenzjonali, proprju tirrigwarda dak li l-attriċi ssejjaħ bħala ksur tal-obbligazzjonijiet tal-konvenut Busuttil bħala direttur tagħha, konsistenti primarjament minn ħolqien doluż ta' diżgwid, konfoffar ma' impjegati u provdituri tas-servizz tal-attriċi, approprjazzjoni ta' kuntratti u xogħol kif

ukoll ta' proprjetà u proprjetà intellettwali tal-attriċi, u l-inkorporazzjoni ta' soċjetà oħra (konvenuta f'din il-kawża) b'isem kważi identiku għal dak tal-attriċi.

40. Illi dawn il-fattijiet huma komuni għall-kawża odjerna, u din il-konsiderazzjoni tipprevali anki jekk il-kawża li għandha quddiemha din il-qorti għandha l-parametri aktar wesgħin billi tinvolvi konvenuti oħrajn, filwaqt li r-rikonvenzjoni fil-kawża bin-numru 98/2022 ISB għandha mertu aktar wiesgħa għaliex tinvolvi anki allegazzjonijiet ta' ħlas żejjed ta' salarju kif ukoll radd lura ta' self. Din il-qorti qed tasal għall-konklużjoni li jkun aktar għaqli li ż-żewġ kawżi jiġu deċiżi mill-istess qorti, sabiex tiġi evitata l-possibilità ta' deċiżjonijiet li jkunu kunfliġġenti. Dan għaliex kif diġà ġie rilevat, fiż-żewġ kawżi l-attriċi qed tippretendi danni mingħand il-konvenut Busuttil talli aġixxa bi ksur tal-obbligazzjonijiet fiduċjarji tiegħu ta' direttur (kif supra elaborati), u għalhekk din il-qorti ma tarax li huwa possibbli li dan il-kunflitt jiġi evitat kemm-il darba l-kawżi jkomplu quddiem qrati differenti, la darba l-attriċi qiegħda titlob danni fil-konfront tal-konvenut Busuttil għall-istess raġunijiet (kif ukoll għal raġunijiet oħra) f'żewġ kawżi li huma pendenti quddiem żewġt iqrati differenti.

41. Illi skont l-artikolu 792, hija l-kawża mressqa l-aħħar li trid tintbagħat quddiem il-qorti l-oħra (ara ***Futura Funds SICAV plc et vs. Istituto per le Opere di Religione***, Prim'Awla, 3/6/2022; ***George Portelli vs. Nicola Galea***, Appell Superjuri, 21/5/1956[22]).

42. Għaldaqstant din il-qorti qiegħda tipprovdi billi ssib li jikkonkorru ċ-ċirkostanzi ta' *lis alibi pendens* fir-rigward ta' din il-kawża u l-kawża bin-numru 98/2022 ISB fl-ismijiet "Aldo Busuttil fil-veste ta' azzjonista tas-soċjetà intimata vs. AME Health and Safety Services Limited u Mario Camilleri", pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ), u għalhekk a tenur tal-artikolu 792 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, qed tordna t-trasferiment ta' din il-kawża mal-kawża bin-numru 98/2022 ISB fl-ismijiet "Aldo Busuttil fil-veste ta' azzjonista tas-soċjetà intimata vs. AME Health and Safety Services Limited u Mario Camilleri", pendenti quddiem l-Onorabbli Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ).

---

[22] Kollezz. Vol.XL.i.178.

L-ispejjeż ta' dan il-provvediment ikunu riservati għall-ġudizzju finali.

Moqri.

Onor. Mark Simiana, LL.D
Imħallef

Lydia Ellul
Deputat Reġistratur